# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

**Il-Pulizija**
**[Spettur Darren Buhagiar]**
**[Spettur Darryl Farr]**

**vs**

**-Omissis-**
**Stefania Mifsud**

**Kumpilazzjoni Numru:** 582/22

**Illum, 3 ta' Ottubru, 2022**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi migjuba kontra -Omissis- u Stefania Mifsud detentrici tal-karta tal-identita` numru 317178M;

-Omissis-:

1. -Omissis-

2. -Omissis-

-Omissis-

-Omissis-

U Stefania Mifsud akkuzata talli:

1) Fit-28 ta' Settembru 2022, ghall-habta tal-ghaxra ta' filghodu, gewwa Marsaskala u fi bnadi ohra f'dawn il-gzejjer, kienet il-komplici ta' serq ta' flus kontanti, televizjoni tal-marka LG, gojjolerija u arloggi, liema serq huwa ikkwalifikat bil-valur li huwa izjed minn elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-persuna u bil-lok li sar ghad-dannu ta' Joshua Cutajar.
*Art. 43, 44, 45, 261, 267, 268(a), 269, 279(b), 280 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;*

Il-Qorti giet mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lil-hati ghall-hlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu

mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Semghet il-provi;

Rat l-artikoli indikati u cioe' l-Art. 43, 44, 45, 261, 267, 268(a), 269, 279(b), 280 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Stante ammissjoni li giet ikkonfermata anke wara li l-imputata nghatat zmien opportun sabiex tahsibha u wara li rat li l-imputata kkoperat bis-shih mal-prosekuzzjoni, il-Qorti qed issib lill-imputata Stefania Mifsud hatja tal-akkuza kif dedotta kontra taghha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tikkundannaha ghal sentejn (2) prigunerija sospizi ghal erba' (4) snin.

Il-Qorti tordna wkoll li a bazi tal-Artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta hija tinghata tul il-perjodu tas-sentenza sospiza

(sentejn (2)) supervizjoni minn ufficjal tal-Probation u liema Ordni qed tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qed taghti lill-imputata Stefania Mifsud l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Finalment, spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet lill-imputata, jekk din l-Ordni ta' Supervizjoni ma tigix obduta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Dep. Reg.**